Verżjoni Elettronika

A.L. 96 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Marzu, 2020.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar is-Saħħa Pubblika; Kap. 465.

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Miżuri li jittieħdu mis-Suprintendent.

3. F'konformità mal-artikolu 27(ċ) tal-Att, is-Suprintendent b'dan qiegħda tippreskrivi miżuri li jissalvagwardjaw kontra u,jew jikkontrollaw il-marda infettiva COVID-19.

Osservanza tal-ordni. A.L. 95 tal-2020.

4. L-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ Mhux Essenzjali u Ħwienet li Jipprvodu Servizzi Mhux Essenzjali, maħruġ mis-Suprintendent, għandu jkun strettament osservat.

Reati u pieni.

5. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tliet elef euro (€3, 000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li l-persuna tikser l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet ta' Bejgħ u Ħwienet Mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi Mhux Essenzjali.

A.L. 95 tal-2020.